KAMRA TAD-DEPUTATI HOUSE OF REPRESENTATIVES
PARLAMENT TA' MALTA

L-ERBATAX-IL LEĠIŻLATURA

P.L. 1519

Dokument imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Numru 104 tal-20 ta' Marzu 2023 mill-Ispeaker, l-Onor. Anġlu Farrugia.

____________________________

Raymond Scicluna
Skrivan tal-Kamra

**SALARJI, ALLOWANCES U SPEJJEŻ OĦRA TAL-KONSULENT TAL-EKS OMBUDSMAN PARLAMENTARI**

**18. L-ONOR. GLENN BEDINGFIELD JISTAQSI LILL-ISPEAKER:** Jista' l-iSpeaker jinforma lill-Kamra dwar l-ammont totali tal-ħlasijiet kollha li saru lill-individwu li d-dettalji dwaru qed jingħataw separatament f'termini ta' salarju, *allowances* u spejjeż oħra fil-perjodu bejn l-2016 u l-aħħar ta' Diċembru 2022 meta l-persuna msemmija serviet bħala Konsulent tal-Ombudsman Parlamentari Mifsud?

15.03.23

**SPEAKER (L-Onor. Anġlu Farrugia):** L-Ombudsman preċedenti dehrlu li huwa utli li sa fejn ikun meħtieġ jagħmel użu mill-esperjenza twila tal-predeċessur tiegħu kemm fil-qasam legali kif ukoll f'dak tal-istituzzjoni tal-Ombudsman. Kien għalhekk li l-Prim Imħallef Emeritu ġie ingaġġat mill-Ombudsman preċedenti bħala konsulent tiegħu, b'effett mit-22 ta' Marzu 2016. Ir-remunerazzjoni tiegħu kienet dik ekwivalenti għal dik tal-Kummissarji maħtura fl-Uffiċċju tal-Ombudsman fit-termini tal-istess Att. Din ir-remunerazzjoni hija stabbilita fl-Avviż Nru 807/12 ippubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern datat 27 ta' Lulju 2012.

Seduta 104
20.03.23